***- SERVIZZ TA' TELEFON - RELAZZJONI GURIDIKA - FTEHIM -***

***- KONTUMACJA - OPPOSIZZJONI -***

***- ONERU TAL-PROVA FUQ MIN JALLEGA TELEFON-***

***- KJAMAT FIL-KAWZA- KAWZALI -***

***- AVVIZ LEGALI 47 TAL-1972 -***

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April 2001.**

**Kawza Numru. 34**
**Citaz. Numru. 2619/98/RCP.**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**C.P.L. Developments Limited u b'digriet tal-10 ta' Mejju 1999 Ramazan Ertugrul gie kjamat fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 2 tal-process fejn gie premess:

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A", s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn erba' mija hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm2,455.39c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon bin-numru 345091; u illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u t-*telephone calls* maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u markat bhala Dok. "B"; u illi s-socjeta' attrici sejhet diversi drabi lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti; u illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghat-tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta' attrici qeghda tannetti ma' dan l-att Affidavit (Dok."C") ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn, erbgha mija u hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm2,455.39c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon bin-numru 345091 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Lulju 1997, tal-Mandat ta' Sekwestru numru u l-Mandat ta' Qbid numru li gew prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali - kollha kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u l-lista tax-xhieda a fol 4 u 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 6, 7, u 8 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 1999, fejn b'Digriet tal-Qorti intlaqghet it-talba tas-socjeta'

konvenuta sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u inghatat terminu ta' ghoxrin (20) gurnata u l-kawza giet differita ghall-10 ta' Mejju 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 15 tal-process fejn ecceppiet :-

(1) Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront tas-socjeta' konvenuta stante illi t-telefonati saru minn certu Ramazan Ertugrul billi seraq l-linja tat-telephone bin-numru 345091.

(2) Illi ghalhekk ghandu jigi kjamat in kawza Ramazan Ertugrul u s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta a fol 15 u 16 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 1999 fejn Dr. Richard Sladden ghas-socjeta' konvenuta talab l-kjamata fil-kawza ta' Ramazan Ertugrul, u d-digriet ta' din il-Qorti fejn ordnat il-kjamata in kawza tal-istess u l-kawza giet differita ghall-10 ta' Dicembru 1999.

Rat li l-istess kjamat fil-kawza gie debitament notifikat fit-12 ta' Mejju 1999 u ma ipprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u lanqas deher fil-kawza u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Dicembru 1999, 17 ta' Mejju 2000, 4 ta' Ottubru 2000, 12 ta' Dicembru 2000, fejn fl-ahhar seduta gie degretat li peress li l-kawza thalliet ghall-provi kollha tas-socjeta' konvenuta u din la dehret u lanqas resqet provi, l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-24 ta' Jannar 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta tal-15 ta' Dicembru 2001 u d-Digriet ta' din il-Qorti datat 19 ta' Dicembru 2000 fejn l-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' konvenuta ghas-sosspensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat lis-socjeta' konvenuta tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien tlettin gurnata mid-data tal-istess digriet u halliet l-kawza ghall-konkluzzjoni tal-provi tas-socjeta' konvenuta ghall-24 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2001 fejn s-socjeta' konvenuta pprezentat affidavit ta' Stephen Sammut Tagliaferro, u l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi tas-socjeta' konvenuta ghat-13 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Marzu 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2001 fejn d-difensuri qabblu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza u ghalhekk giet differita ghas-26 ta' April 2001 ghas-sentenza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li man-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta gie anness bhala prova id-Dokument "X1" u peress li dan id-dokumenti gie presentat wara l-gheluq tal-provi tal-partijiet, stante li b'verbal tat-13 ta' Marzu 2001 l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta' ta' presentata ta' noti ta' osservazzjonijiet relattivi, din il-Qorti qed tordna l-isfilz tal-istess dokument "X1".

Illi din il-kawza qed issir stante li s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma

ta' elfejn, erba' mija hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm2,455.39c.) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon bin-numru 345091.

Illi s-socjeta' konvenuta ma ikkontestatx il-kont bhala valur, u lanqas li kien hemm ftehim dwar l-ghoti tal-istess servizz telefoniku numru 345091 bejn l-istess socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici a bazi ta' skrittura privata datata 26 ta' Lulju 1991, li fil-fatt giet iffirmata minn Mario Caruana ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta kif jidher minn Dok. "A" a fol. 6 tal-process, izda allegat, u fil-fatt ecceppiet, li tali ammonti ma humiex dovuti minnha stante li l-fond imsemmi fl-istess skrittura kien gie mikri lill-kjamat fil-kawza, li ghalkemm ma kellux la *telephone set* u lanqas *phone plug*, kien seraq il-linja minn fuq il-bejt tal-fond u ghamel diversi telefonati *overseas*, u l-istess socjeta' irraportat b'dan lis-socjeta' attrici b'ittra datata 23 ta' Dicembru 1997, li baghtet rapprezentant taghha li allegatament ikkonstata l-istess, u sar rapport dwaru lill-pulizija fil-25 ta' Gunju 1997, u l-istess kjamat fil-kawza ammetta l-istess akkuzi mad-direttur tas-socjeta' konvenuta, u dan obbligu ruhhu li jhallas huwa l-istess kont.

Illi huwa veru li dwar l-istess ftehim fin-nota tal-osservazzjonijiet saret ukoll allegazzjoni li sar zball ta' fatt fl-istess kuntratt dwar il-persuna li kellha tutilizza

is-servizz pero' apparti l-fatt li l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens ma tressqet mis-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju tal-kawza, jinghad ukoll li ma hemm ebda prova ta' din l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, u ghalhekk tali sottomissjoni ghandha u qed tigi skartata.

Illi dwar l-allegazzjonijiet l-ohra *da parte* tas-socjeta' konvenuta tressaq affidavit ta' **Stephen Sammut Tagliaferro** tal-15 ta' Jannar 2001 a fol. 32 tal-process li kkonferma id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-linja kienet giet uzata mill-okkupant tal-appartament numru 11 cioe' l-kjamat fil-kawza wara li kien ghamel konnessjoni mal-wire tal-istess set ghal gol-flat tieghu, u fil-fatt irraporta l-kaz lis-socjeta' attrici u wkoll lill-pulizija kif jirrizulta mir-rapport esebit datat 4 ta' Gunju 1997 a fol. 30 tal-process.

Illi pero' l-istess socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova la li talbet li l-istess servizz jigi interrot u lanqas gabet ebda prova ulterjuri, inkluz tal-kjamat in kawza innifsu li allegatament ghamel uzu mill-istess apparat, u fl-ahharnett certament li l-istess socjeta' konvenuta naqset li tipprova li s-socjeta' attrici naqset b'xi mod mill-obbligi taghha verso l-istess socjeta' konvenuta.

Illi min-naha l-ohra jigi rilevat li l-allegazzjonijiet attrici ilkoll gew ippruvati stante li l-iskrittura privata datata

26 ta' Lulju 1991, fejn saret l-applikazzjoni ghall-tali servizz mis-socjeta' konvenuta fil-fond hemm imsemmi, giet debitament iffirmata minn rappresentant u ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta, kif jidher minn Dok. "A" a fol. 6 tal-process.

Illi jinghad ukoll li r-rendikont ta' telefonati li saru bejn il-perjodu tal-1 ta' Ottubru 1994 sat-13 ta' Ottubru 1997, u l-ammonti hemm indikati, kollha relativi ghat-telefon numru 345091 qatt ma gew ikkontestati mis-socjeta' konvenuta, u ghalhekk jirrizulta li huma dovuti mis-socjeta' konvenuta, bhala l-persuna li skond l-istess ftehim kellha relazzjoni kuntrattwali mal-istess socjeta' attrici u dan anke a bazi tal-**artikolu 20 tar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon. (A.L.47 ta' l-1972).**

Illi jinghad ukoll li ghalkemm l-istess socjeta' konvenuta qed tallega li l-istess linja giet utilizzata mill-kjamata fil-kawza li baqa' kontumaci, anke kieku dan jirrizulta, xorta jibqa' l-fatt li hija dejjem baqghet il-persuna li kellha relazzjoni mas-socjeta' attrici dwar l-istess servizz skond il-ftehim fuq indikat, salv kull azzjoni ta' rivalsa kontra terzi, jekk din ir-relazzjoni ulterjuri tigi ppruvata naxxenti minn kawzali ta' natura delittwali.

Illi pero' l-Qorti tinnota wkoll li l-kont jirriferixxi ghall-telefonati maghmula bejn l-1 ta' Ottubru 1994 u t-13 ta' Ottubru 1997, u skond d-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni attrici ta' Stephen Sammut Tagliaferro l-ewwel darba li allegatament informaw bl-allegazzjonijiet taghhom lis-socjeta' attrici kien biss fit-23 ta' Dicembru 1997, u ghalhekk certament ghall-perjodu hemm indikat fir-rendikont esebit bhala Dok. "B" a fol. 7 tal-process, l-unika relazzjoni li baqghet definittivament tissussisti kienet dik kontrattwali bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta.

Illi ghalhekk apparti r-ragunamenti fuq indikati, inkluz id-dati, u nuqqas ta' provi mis-socjeta' konvenuta sabiex jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom, japplika dejjem dak li gie stabbilit fis-sentenza **"Maltacom p.l.c. vs Anne Micallef"** (P.A. R.C.P. 13 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dwar l-ilmenti li l-'calls' in ezami saru minn terza persuna, dan ma ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, di fronte ghas-socjeta' attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta' attrici kienet u dejjem baqghet mal-istess (socjeta') konvenuta, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-eccezzjoni tal-(socjeta') konvenuta qed tigi michuda".*

Illi dan huwa ukoll konformi mal-fatt li l-azzjoni attrici hija ibbazata fuq ftehim bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, u ghalhekk l-unika kundanna li

jista' jkun hemm f'din il-kawza hija propju a bazi ta' tali ftehim li tieghu certament li l-kjamat fil-kawza kien estraneju.

Illi fil-fatt r-relazzjoni li l-istess socjeta' konvenuta kellha jew setgha kellha mal-kjamat fil-kawza hija wahda *ex delictu* u certament ma tinkwadrax ruhha f'din l-azzjoni, apparti li hija ghal kollox estraneja ghas-sitwazzjoni tas-socjeta' attrici u dan anke ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza **"Carmelo Mamo vs Brian Abela nomine"** ( A.C. 4 ta' Frar 2000) :-

*"Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li l-istitut tal-kjamata fil-kawza hu intiz 'per integrare il-procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso' (**"Zahra vs Scicluna**" - Q.K.21 ta' Jannar 1919). Jekk allura jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, din l-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni tregi fil-konfront tieghu".*

Illi ovvjament jibqghu impregudikati d-drittijiet, jekk jigu ppruvati tal-istess socjeta' konvenuta ma terzi, pero' *ai fini* ta' din il-kawza, l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma jistghux jigu milqugha

primarjament minhabba nuqqas ta' provi tal-allegazzjonijiet minnha vantati, u wkoll peress li tali eccezzjonijiet ma jbiddlu xejn mir-relazzjoni ezistenti bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta a bazi tal-ftehim ezistenti bejniethom.

Illi dan iwassal sabiex tigi kkunsidrata l-posizzjoni tal-kjamat in kawza, li ghalkemm baqa' kontumaci, xorta jrid jigi ppruvat il-kaz kontra tieghu, stante li l-istat ta' kontumacja ma huwiex ammissjoni, izda opposizzjoni.

Illi fil-konfront tieghu, s-socjeta' attrici ma ghandha ebda relazzjoni kwalunkwe, u fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, l-allegazzjonijiet vantati mill-istess kontra tieghu jistghu iwasslu sabiex l-istess socjeta' konvenuta tipprocedi kontra tieghu b'azzjoni *ad hoc*, pero' *ai fini* ta' din il-kawza ma hemm ebda triq ohra hlief li l-istess kjamat in kawza jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u filwaqt li tillibera mill-ossservanza tal-gudizzju lill-kjamat in kawza minhabba nuqqas ta' relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, **tilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta,** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elfejn erba’ mija hamsa u hamsin lira Maltin u disgha u tlettin centezmu (Lm2,455.39c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon bin-numru 345091 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-kjamat fil-kawza u nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Lulju 1997, tal-Mandat ta’ Sekwestru u Mandat ta’ Qbid Numru li gewipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Lulju 1997 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta, b’dan li jibqa’ mpregudikat id-dritt tas-socjeta’ konvenuta li tipprocedi kontra l-kjamat in kawza b’azzjoni *per se* a bazi tal-allegazzjonijiet minnha vantati kontra tieghu.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta’ April 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 ta’ April 2001**